# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2002**

**Numru 1**

**Avviz. Numru 1447/97mm**

**Allied Insurance Services Ltd**

**vs**

**Lawrence Abela ghan-nom ta' Mabrouke Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Lulju, 1997, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine dik is-somma ta' sitt mija u erbgha u erbghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm644.11) rapprezentanti premia dovuti ghall-poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Lawrence Abela nomine fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

1. Fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghall-hlas fuq l-invoices in kwistjoni u dan peress li hi qatt ma kienet awtorizzat il-hrug tal-"policies" koncernati.
2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici ma wrietx kif waslet sabiex titlob il-kreditu li qieghda tvanta llum. Is-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet l-invoices koncernati u ma tafx x'suppost jirraprezentaw is-sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltija vantati mis-socjeta' attrici.
3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici hi nnifisha debitrici tas-socjeta' konvenuta u dan billi s-socjeta' attrici naqqset li tonora claim precedenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas ammont ghall-premia ta' poloz ta' assikurazzjoni illi hareg mas-socjeta' attrici.

Xehdu f'din il-kawza Owen Meilak u Stephen Camilleri ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn spjegaw kif din ta' l-ahhar waslet ghall-ammont reklamat fl-avviz.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut hareg diversi poloz ta' l-assikurazzjoni bejn l-1995 u l-1997.  Kien hemm ukoll xi poloz illi gew kancellati fejn gie akkreditat bl-ammont tal-premia taghhom.  Stephen Camilleri spjega illi kienu qed isiru diversi pagamenti akkont, pero' dejjem kien jibqa' xi bilanc favur is-soicjeta' attrici.  Spjega kif darba minnhom ukoll sar pagament ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00).  Dawn il-pagamenti jidhru fl-i*statements* illi gew esebiti f'dawn l-atti illi kienu disponibbli ghall-konvenut sabiex jezamina.  Minkejja dan, il-konvenut ma dehrex quddiem il-Qorti meta l-kawza kienet ghal darbtejn differita ghax-xhieda tieghu.

Ghalhekk il-Qorti toqghod fuq ix-xhieda prodotta mis-socjeta' attrici, liema xhieda l-Qorti jidhrilha li hija veritiera u ta' min joqghod fuqha.  Mill-bqija l-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti esebiti minfejn il-pretenzjoni attrici tidher spjegata fid-dettal.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija u erbgha u erbghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm644.11) rapprezentanti premia dovuti ghall-poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur